MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2001

Avvi$Z Numru. 803/2000/1

**Avviz numru 803/00 DM**

**The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Vs**

**Sea Malta Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u zewg centezmi (Lm425.02) rapprezentanti ‘handling charges’ fornuti mill-atturi lill-kumpanija konvenuta, kif ukoll l-ispejjes legali konsegwenzjali.

Bl-ispejjes  inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Fl-ewwel lok, l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione materiae*;

2. Fit-tieni lok, li s-socjeta` intimata m’hijiex il-legittimu kontradittur peress illi l-‘handling services’ imsemmija fl-avviz gew forniti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` intimata bhala agent ta’ terza persuna u mhux fil-kwalita taghha personali.

3. Ghaldaqstant is-socjeta` intimata ma hijiex debitrici tas-socjeta` attrici ghas-somma ta’ erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u zewg centezmi (Lm425.02c);

4. Fit-tielet lok, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

6. Bl-ispejjes.

Rat illi nonostante diversi differimenti l-atturi la dehru u lanqas gabu provi.

Rat illi fis-seduta tal-lum, il-konvenuti talbu illi jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat l-Artikolu 199 tal-Kap. 12, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talba u qeghda tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju..

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------